



Brussell, 8 ta' Frar 2016
(OR. en)

5853/16

LIMITE

DEVGEN 16
CLIMA 5
COPS 43
CFSP/PESC 92
ENV 50
ONU 10
RELEX 88
CSDP/PSDC 71

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Diplomazija Ewropea dwar il-klima wara l-COP 21: Elementi għal diplomazija kontinwa dwar il-klima fl-2016

Wara l-laqgħa tal-KPS fit-3 ta' Frar 2016, ġie maqbul li d-dokument konġunt mis-Servizzi tal-Kummissjoni/SEAE dwar "Id-diplomazija Ewropea dwar il-klima wara l-COP21: Elementi għal diplomazija kontinwa dwar il-klima fl-2016" għandu jservi bħala bażi għad-diskussjoni dwar il-kwistjoni fil-laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Barranin) fil-15 ta' Frar 2016.

Għaldaqstant huwa ssuġġerit li l-COREPER (Parti II), fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Frar 2016, jieħu nota tad-dokument li jidher fl-Anness għal din in-nota u jibagħtu lill-Kunsill (Affarijiet Barranin).

Diplomazija Ewropea dwar il-klima wara l-COP 21:
Elementi għal diplomazija kontinwa dwar il-klima fl-2016

A/ Sfond

Fil-COP21 f'Pariġi, l-ewwel ftehim universali, legalment vinkolanti u globali li qatt sar dwar il-klima milħuq fuq prijoritajiet tal-UE, iwassal għal ambizzjoni, impenn u solidarjetà, u jikkumplimenta l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa dwar il-finanzjament għall-iżvilupp, u l-Qafas Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju tad-Diżastri. Il-Ftehim ta' Pariġi jipprovdi l-qafas biex tiġi aċċellerata b'mod deċiżiv it-transizzjoni globali għal futur b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, u jinkludi dispożizzjonijiet sostanzjali dwar l-appoġġ finanzjarju u tekniku biex jindirizzaw il-ħtiġijiet relatati mal-adattament u t-telf u l-ħsara minn impatti tat-tibdil fil-klima.

It-tmexxija tal-UE qabel u matul il-COP21, inkluż permezz tas-sensibilizzazzjoni diplomatika kollettiva tagħha taħt il-qafas tal-pjan ta' azzjoni għal diplomazija dwar il-klima għall-2015, ikkontribwixxiet għar-riżultat pożittiv. L-UE u l-Istati Membri tagħha (SM) saħħew ir-rekord b'saħħtu tagħhom ta' azzjoni domestika dwar il-klima u appoġġ internazzjonali biex jimpenjaw ruħhom f'"Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja" wiesgħa bejn raggruppamenti reġjonali differenti u b'hekk marru lil hinn mill-approċċ mifruq u fil-biċċa l-kbira skadut ta' qsim ta' responsabbiltajiet bejn il-pajjiżi żviluppati u dawk li qed jiżviluppaw. Dan kellu rwol kritiku biex jinbidlu d-dinamiċi tan-negozjati fl-istadju kruċjali tal-COP21.

Biex jinżamm il-momentum pożittiv minn Pariġi ser tkun meħtieġa mobilizzazzjoni politika u diplomatika sostnuta b'appoġġ għall-oġġettivi tal-UE dwar il-klima. L-attenzjoni issa ser iddur fuq l-iżgurar li l-kontributi maħsubin determinati fil-livell nazzjonali (INDCs), imressqa minn kważi l-Partijiet kollha, ser jiġu implimentati u ser tiżdied l-ambizzjoni maż-żmien sabiex jintlaħaq ferm inqas mill-għan fit-tul ta' 2 gradi maqbul f'Pariġi.

F'Lulju 2015, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin (KAB) dwar id-diplomazija dwar il-klima stiednu lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni "biex jirrapportaw lura kmieni fl-2016 ir-riżultat tal-COP21 u l-implikazzjonijiet tagħha għad-diplomazija dwar il-klima kif ukoll biex jipproponu azzjonijiet ulterjuri". Dan id-dokument jiddeskrivi l-oqsma ta' attenzjoni proposti għall-2016.

B/ Diplomazija kontinwa dwar il-klima fl-2016: tliet linji biex nibnu fuq Pariġi

Bħala parti integrali mill-politika barranija tal-UE u l-istrateġija globali, id-diplomazija dwar il-klima trid tkompli timmobilizza l-komunità internazzjonali biex tindirizza l-kawżi u l-konsegwenzi trasversali tat-tibdil fil-klima bħala parti integrali mill-prijoritajiet strateġiċi tagħha.

Il-Ftehim ta' Pariġi huwa parti importanti mill-qafas li jindirizza u jiffinanzja l-iżvilupp sostenibbli. L-azzjoni dwar it-tibdil fil-klima hija meħtieġa biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u l-UE għandha toħloq sinerġiji bejn l-iżvilupp u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u l-oġettivi tal-klima.

Il-Ftehim ta' Pariġi ħalla miftuħa għadd ta' kwistjonijiet tekniċi. Dawn jinkludu dispożizzjonijiet dettaljati dwar it-trasparenza u r-responsabbiltà, l-istrateġiji b'livell baxx ta' karbonju għall-2050, is-segwitu għall-Aġenda ta' Azzjoni Lima-Pariġi (LPAA) u l-mekkaniżmi tat-teknoloġija. Għalhekk, il-COP22, skedata mis-7 sat-18 ta' Novembru 2016 f'Marrakech, ser tkun importanti biex jintwera progress dwar dawn il-kwistjonijiet.

Uffiċjali tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandhom ikomplu bil-kuntatt politiku ma' pajjiżi terzi fil-livell tal-gvern kif ukoll lill-pubbliku inġenerali dwar it-tifsira tal-ftehim dwar il-klima u l-ħidma li tinvolvi attwalment. Filwaqt li tibni fuq il-pjan ta' azzjoni għad-diplomazija dwar il-klima għall-2015 li kien ta' suċċess, id-diplomazija kontinwa tal-UE dwar il-klima għandha tirrifletti t-tagħlimiet miksuba u l-aħjar prassi mis-sena l-oħra. L-akbar netwerk diplomatiku tad-dinja, ta' madwar 3,000 delegazzjoni u ambaxxata tal-UE u tal-SM, kien mobilizzat b'mod kollaborattiv b'valur miżjud ċar. Dan ta' lill-UE u lill-SM influwenza kollettiva akbar mit-totalità tagħhom.

L-esperjenza, in-networks u l-metodi ta' ħidma żviluppati fost l-UE u l-SM matul l-2015 għandhom jiġu sfruttati fl-2016 u lil hinn, biex jagħtu livell għoli ta' servizz u jsaħħu l-kapaċità kollettiva għall-kisba tal-oġettivi tal-azzjoni dwar il-klima. L-istituzzjonijiet tal-UE u l-SM ser ikomplu jikkooperaw u jikkoordinaw mill-qrib. Il-linji ta' azzjoni ta' hawn taħt jipprovdu qafas għad-diplomazija dwar il-klima fl-2016. Pjan ta' ħidma dettaljat b'aktar punti speċifiċi ta' azzjoni ser jiġi żviluppat u rivedut mill-UE u l-SM f'livell ta' ħidma matul is-sena.

L-azzjoni ta' diplomazija dwar il-klima fl-2016 għandha tkun marbuta mill-qrib mal-linji ta' ħidma l-oħra ewlenin tal-UE, bħall-valutazzjoni UE-Kunsill tal-eżitu tal-COP21, b'mod partikolari fid-dawl: tal-pakkett tal-UE 2030 dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima; l-"Istrateġija Globali" tal-UE li jmiss; is-segwitu għall-SDGs u l-Aġenda 2030 u l-qafas Sendai għat-tnaqqis tar-riskju tad-diżastri; u l-pjan ta' azzjoni adottat dwar id-diplomazija tal-enerġija tal-UE¹. Għandhom jiġu eżaminati u żviluppati possibbiltajiet ta' aktar sinerġiji f'oqsma bħad-diplomazija ekonomika u l-linji ta' politika dwar il-kummerċ, il-viċinat, it-tkabbir u l-iżvilupp u l-għajjnuna umanitarja.

L-ewwel linja: Tkompli l-promozzjoni tat-tibdil fil-klima bħala prijorità strateġika fid-djalogi diplomatiċi, id-diplomazija pubblika u l-istrumenti ta' politika esterna.

Wara l-COP21, mobilizzazzjoni politika u diplomatika sostnuta hija meħtieġa biex jinżamm il-momentum pożittiv, jiġi implimentat il-ftehim u tiġi aċċellerata t-transizzjoni globali lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u ekonomija reżiljenti għat-tibdil fil-klima. L-UE għandha tiżgura li t-tibdil fil-klima u l-implimentazzjoni tal-impenji tal-COP21 jidhru b'mod prominenti f'fora internazzjonali ewlenin, inklużi l-G20 u l-G7, u fi djalogi bilaterali u bireġjonali fl-2016 u aktar 'il quddiem.

¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija tal-Enerġija 10995/15

Bħala blokk ta' 28 SM li jikkordina azzjoni dwar politiki internazzjonali ewlenin², l-UE tgawdi minn setgħa ta' perswazzjoni sinifikanti. Hija tista' tintegra aħjar id-diplomazija dwar il-klima permezz tal-mobilizzazzjoni koordinata tal-istrumenti tagħha tal-azzjoni esterna (kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell ta' SM) fl-insewiment ta' azzjoni dwar il-klima ambizzjuża u l-bini tar-reżiljenza. Dan jinkludi l-enfasi fuq ir-rabta bejn l-azzjoni dwar il-klima u l-politika dwar l-iżvilupp internazzjonali skont il-qafas tal-SDG u l-aġenda ta' Addis Ababa tal-finanzjament għall-iżvilupp, u ż-żieda fil-kooperazzjoni dwar il-politika tal-viceinat u tat-tkabbir, il-protezzjoni ċivili u l-politika umanitarja, u l-kummerċ (bħall-aġenda tad-WTO u l-aġenda ta' Addis Ababa għall-finanzjament tal-iżvilupp), fost oħrajn. It-tibdil fil-klima għandu jibqa' prijorità partikolari fi djalogi bilaterali u bireġjonali, il-G7, il-G20, fin-NU u f'fora internazzjonali oħra.

Għandu jingħata appoġġ partikolari għan-negozjati fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) u l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) biex jiġu indirizzati l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, kif ukoll appoġġ għan-negozjati tal-Protokoll ta' Montreal dwar l-emenda tal-idrofluworokarburi (HFC).

It-tieni linja: Appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, fil-kuntest tal-iżvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

L-isforzi ta' diplomazija dwar il-klima għandhom inizjalment jiffokaw fuq il-fehim tal-fehmiet tal-pajjiżi ewlenin dwar l-eżitu ta' Pariġi, filwaqt li jinkoraġġixxu r-ratifika f'waqtha tal-ftehim, u jiżguraw li sħabna huma lesti biex jimplimentaw l-impenji tagħhom u jaħdmu lejn it-tisħiħ tal-ambizzjoni maż-żmien. L-UE għandha tkun lesta li tgħin lill-pajjiżi sħab fejn meħtieġ. Dan jinkludi assistenza permezz ta' skemi innovattivi ta' finanzjament fil-qasam tat-tibdil fil-klima peress li l-finanzjament privat huwa kruċjali biex jingħalaq id-distakk fil-finanzjament u żieda fl-appoġġ għall-implimentazzjoni ta' Kontributi Maħsuba Determinati fil-Livell Nazzjonali (INDCs) mwiegħda f'pajjiżi terzi.

² Inklużi l-kummerċ, l-iżvilupp internazzjonali, l-għajjnuna umanitarja u l-ġestjoni tal-kriżijiet, it-trasport, it-tibdil fil-klima, l-enerġija u r-riċerka u l-innovazzjoni.

Fil-kuntest tal-mira tal-baġit għall-UE kollha ta' 20% għall-azzjoni, il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni dwar il-klima bejn is-SEAE, CLIMA, DEVCO, NEAR, ECHO, u l-aġenziji tal-iżvilupp tal-SM għandhom jissaħħu f'dan il-qasam biex jimmassimizzaw is-sinerġiji mal-Aġenda 2030 għal Żvilupp Sostenibbli. Il-Ftehim ta' Pariġi jirrikonoxxi l-vulnerabbiltajiet speċjali tal-pajjiżi l-inqas żviluppati u l-istati gżejjer żgħir li qed jiżviluppaw, u ser ikun meħtieġ appoġġ finanzjarju u għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għal dawn is-sħab. Madankollu, l-isforzi ta' diplomazija dwar il-klima għandhom jinkludu wkoll dawk il-pajjiżi żviluppati u bi dħul medju li wkoll ser jiffaċċjaw sfidi politiċi, tekniċi u/jew finanzjarji fl-implimentazzjoni tal-INDCs tagħhom.

It-tielet linja: Żieda fl-isforzi biex tiġi indirizzata r-rabta bejn il-klima, ir-riżorsi naturali, il-prosperità, l-istabilità u l-migrazzjoni.

It-tibdil fil-klima huwa “multiplikatur tat-theddid” qawwi, u l-UE u l-SM għandhom isaħħu l-ħidma biex jindirizzaw l-impatti internazzjonali diretti u indiretti tiegħu. Bħala parti mill-istrateġija ta' sigurtà globali tagħha, l-UE għandha tindirizza fil-livell tal-pajjiżi u reġjonali t-theddida strateġika u b'diversi aspetti li tippreżenta t-tibdil fil-klima.

L-impatti potenzjalment destabbilizzanti tat-tibdil fil-klima għandhom ukoll ikomplu jiġu indirizzati direttament ma' pajjiżi shab³. Ir-rabtiet mad-diplomazija fil-qasam tal-ilma u ma' inizjattivi oħra tal-UE u tal-SM huma mħeġġa. It-tibdil fil-klima huwa wieħed mill-kawżi sottostanti ewlenin ta' l-ispostament, u l-migrazzjoni irregolari li jirriżultaw mill-fraġilità tal-istat, l-insigurtà u l-iskarsezza tar-riżorsi. Bl-analiżi ulterjuri tar-rabtiet tal-vulnerabbiltà tal-klima mar-riskju tal-fraġilità u s-sigurtà, u t-tweġġ ta' valutazzjoni tar-riskju għal diżastri u kriżijiet, l-UE ser tkun tista' tidentifika aħjar oqsma fejn riskji mħallta huma partikolarment kbar u fejn hemm opportunitajiet kritiċi għall-prevenzjoni tal-konflitti u r-reżiljenza. Appoġġ prattiku għall-politiki ta' mitigazzjoni u adattament permezz tal-implimentazzjoni ta' strateġiji komprensivi ta' żvilupp ekonomiku b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju għandu jkun parti importanti mir-rispons ġenerali tal-UE għall-isfida tal-migrazzjoni.

Annessi:

1. Elementi għal azzjoni għad-diplomazija dwar il-klima fl-2016
2. Ħarsa ġenerali u tagħlimiet miksuba: azzjonijiet tad-diplomazija dwar il-klima fl-2015

³ Inkluż dwar is-sigurtà tal-ikel, l-aċċess affidabbli għar-riżorsi, l-ilma u l-enerġija, u t-tixrid ta' mard epidemiku, u l-instabbiltà soċjali u ekonomika.

Anness: Elementi għal azzjoni tad-diplomazija dwar il-klima fl-2016

L-elementi speċifiċi għal azzjoni li ġejjin huma maħsuba biex jipprovdu ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet issuġġeriti. Pjan ta' ħidma dettaljat b'punti speċifiċi ta' azzjoni ser jiġi żviluppat mill-UE u l-SM f'livell ta' ħidma permezz tan-Netzwerk Diplomatiċu Ekoloġiku.

Azzjoni taħt l-ewwel linja: Tkompli l-promozzjoni tat-tibdil fil-klima bħala prijorità strateġika fid-djalogi diplomatiċi, id-diplomazija pubblika u l-istrumenti ta' politika esterna.

- L-UE u l-SM ser jużaw laqgħat bilaterali u fora multilaterali li jmiss, inklużi l-G7, il-G20 u n-NU, biex jiddefendu ż-żamma tal-momentum kontinwu fuq l-azzjoni dwar il-klima, u ser jaħdmu mas-sħab biex jinħolqu l-kondizzjonijiet għal azzjoni pożittiva u l-prevenzjoni ta' kwalunkwe rigress.
- L-UE u l-SM ser jintegraw bis-sħiħ fil-prijoritajiet kollettivi tagħhom ta' diplomazija dwar il-klima l-oġettiv li jintlaħaq qbil internazzjonali dwar Mekkaniżmu Globali Bbażat fuq is-Suq li jirregola l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra futuri għall-avjazzjoni internazzjonali fl-Assemblea tal-ICAO f'Settembru 2016, jagħtu appoġġ għad-diplomazija dwar il-klima għan-negozjati tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) bl-oġettiv tal-adozzjoni ta' sistema globali ta' ġbir ta' data dwar il-konsum tal-karburant u l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra assoċjati mit-tbaħħir internazzjonali f'April 2016, u jilhq u qbil dwar l-emenda tal-idrofluworokarburi (HFCs) skont il-Protokoll ta' Montreal
- Titwettaq sensibilizzazzjoni kollettiva ta' livell għoli permezz tad-Delegazzjonijiet tal-UE u l-Ambaxxati tal-Istati Membri f'intervalli xierqa. Dawn għandhom jiffukaw fuq persuni ewlenin li jieħdu d-deċiżjonijiet u aġenti tal-bidla, inkluż mhux biss Gvernijiet ospitanti iżda wkoll il-membri parlamentari, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-industriji ekoloġiċi u s-soċjetà ċivili in ġenerali. Din is-sensibilizzazzjoni għandha tkun marbuta mad-djalogu politiku ma' pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw appoġġata mill-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima + inizjattiva ewlenija.
- Jinbena fuq l-esperjenzi ta' suċċess fl-2015 biex tissaħħaħ id-diplomazija pubblika kollettiva fil-pajjiżi ospitanti. Pereżempju, id-Delegazzjonijiet tal-UE u l-ambaxxati tal-SM, f'kollaborazzjoni flimkien, għandhom jorganizzaw "Jum ta' Azzjoni dwar id-Diplomazija dwar il-Klima" imsaħħaħ fl-2016, u s-sensibilizzazzjoni mmirata tista' ssir fi żmien li jaħbat maċ-ċerimonja tal-iffirmar tan-NU tal-Ftehim ta' Pariġi fit-22 ta' April 2016, u l-Logħob Olimpiku.

Azzjonijiet taħt it-tieni linja: Appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, fil-kuntest tal-iżvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

- L-UE u l-SM għandhom jaħdmu mas-sħab biex jiżviluppaw fehim sħiħ tal-kontenut tal-INDCs, jappoġġaw is-sħab fl-iżvilupp ta' pjanijiet ta' implimentazzjoni, u jgħolqu rabtiet għal appoġġ finanzjarju u tekniku adegwat, b'mod partikolari dak provdut prinċipalment lill-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati u l-Istati Gżejjer Żgħir li Qed Jiżviluppaw permezz tal-Alleanza Globali kontra t-Tibdil fil-Klima + inizzjattiva ewlenija. Is-servizzi diplomatiċi tal-UE għandhom jiġu mobilizzati biex jinkoraġġixxu ratifika f'waqtha.
- L-UE u l-SM ser ikomplu jintegraw id-diplomazija dwar il-klima permezz ta' mobilizzazzjoni koordinata tal-istrumenti tagħhom ta' azzjoni esterna (inkluża l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-politiki tal-viceinat u tat-tkabbir, il-protezzjoni ċivili u l-politika umanitarja, il-kummerċ, eċċ.) biex jappoġġaw azzjoni ambizzjuża dwar il-klima u jsaħħu r-reżiljenza inkluż permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet. Dan ser jinkludi t-tisħiħ ta' kollaborazzjoni strateġika ma' atturi mhux statali fil-kuntest tal-Aġenda ta' Azzjoni Lima-Pariġi.
- L-UE u l-SM ser ikomplu jaħdmu flimkien biex jesploraw mekkaniżmi innovattivi għall-mobilizzazzjoni ta' finanzjament addizzjonali għall-klima minn investuri privati. (Pereżempju l-"Inizzjattiva Nordika ta' finanzjament" mnedija mill-pajjiżi tal-Kunsill Nordiku fil-COP21.)
- Il-COP22 f'Marrakech ser tkun kruċjali biex jiġu stabbiliti dettalji prattiċi għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi. Inizzjattiva politika tal-UE fit-tħejjija għall-COP22 tista' tispjega l-fehmiet tal-UE u tfittex appoġġ minn pajjiżi sħab dwar kwistjonijiet speċifiċi għal Marrakech.

Azzjoni taħt it-tielet linja: Żieda fl-isforzi biex tiġi indirizzata r-rabta bejn il-klima, ir-riżorsi naturali, il-prosperità u l-istabilità.

- L-UE u l-SM ser isaħħu l-involvement tagħhom fid-dibattitu dwar il-klima u l-politika ta' sigurtà f'fora internazzjonali, inkluż il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (l-inkoraġġiment tal-aġġornament tal-karta tal-2009 mis-SG), il-Konferenza dwar is-Sigurtà Planetarja organizzata min-Netherlands, u konferenzi/inizjattivi rilevanti oħra organizzati mill-SM.
- L-UE u dawk l-SM li huma parti mill-G7 ser ikomplu l-impenn permezz tal-G7 dwar il-klima u l-fraġilità, filwaqt li jaġixxu fuq is-sejbiet tar-rapport tal-G7 dwar dan is-suġġett.
- L-UE u l-SM ser ikomplu u ser isaħħu l-inklużjoni ta' analiżi dwar il-vulnerabbiltà tal-klima f'valutazzjonijiet ta' fraġilità/sigurtà u riskju ta' diżastri u ser jikkollaboraw fuq l-isforzi ta' mitigazzjoni tar-riskju li jirriżultaw, permezz tal-istrumenti ta' politika esterna xierqa kollha u f'kollaborazzjoni ma' networks stabbiliti.
- L-UE ser tkompli l-ħidma tagħha taħt l-inizjattiva konġunta tal-UE-UNEP u l-proġett dwar il-klima u s-sigurtà li speċifikament jindirizzaw l-effetti destabbilizzanti tat-tibdil fil-klima fi stati fraġli.
- L-UE u l-SM huma mħeġġa biex jesploraw il-possibbiltà li jiżviluppaw lista ta' azzjonijiet dwar il-klima u s-sigurtà.

Anness: Ħarsa ġenerali u tagħlimiet miksuba: azzjonijiet tad-diplomazija dwar il-klima fl-2015

1) Azzjonijiet tad-diplomazija dwar il-klima fl-2015

L-akbar netwerk diplomatiku tad-dinja f'azzjoni

1. L-UE għandha l-akbar netwerk diplomatiku tad-dinja li jikkonsisti f'madwar 3,000 Delegazzjoni tal-UE u ambaxxati tal-SM u madwar 90,000 diplomatiku
2. Matul l-2015 l-UE mmobilizzat dan in-netwerk b'mod kollettiv biex tieħu l-aktar ftehim ambizzjuż possibbli f'Pariġi

Suċċessi Ewropej tad-diplomazija dwar il-klima fl-2015

1. Sensibilizzazzjoni fl-ivell għoli, inizjattivi politiċi u diplomazija pubblika: Matul l-2015, fi djalogo mal-pajjiżi ospitanti, aħna mmobilizzajna mal-SM mijiet ta' diplomatiċi Ewropej:
 - a. F'Marzu mmirajna lejn madwar 65 pajjiż permezz tal-"inizjattiva politika tal-INDCs" tagħna biex jippreżentaw l-INDCs tagħhom. Fil-bidu tal-COP21 il-parti kbira tal-pajjiżi kienu ppreżentaw l-INDCs tagħhom bis-saħħa wkoll tad-diplomazija Ewropea dwar il-klima.
 - b. Fis-17 ta' Ġunju, sar il-Jum ta' Azzjoni dwar id-Diplomazija dwar il-Klima f'madwar 50 pajjiż. Id-delegazzjonijiet u l-ambaxxati tal-SM organizzaw varjetà kbira ta' avvenimenti pubbliċi.
 - c. F'Ġunju "ir-rapporti tal-Kapijiet tal-Missjoni" dwar it-tibdil fil-klima ġew ipprovduti f'madwar 35 pajjiż fil-mira
 - d. F'Settembru/Ottubru saru avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-klima f'45 pajjiż b'enfasi fuq pajjiżi li qed jiżviluppaw li enfasizzaw il-koooperazzjoni tal-UE u tal-pajjiż ospitanti
 - e. F'Ottubru/Novembru saret sensibilizzazzjoni/inizjattiva politika mmirata ta' livell għoli f'madwar 70 pajjiż bi tħejjija għall-COP21
2. Saret diplomazija Ewropea dwar il-klima globali mill-Kolombja sal-Korea :
 - a. Diplomatiċi Ewropej jitilgħu fuq "ferrovija għal Pariġi" simbolika f'Bogota
 - b. L-ambaxxaturi tal-UE jingħaqdu mal-Marċ tal-Poplu dwar il-Klima f'Seoul

Azzjonijiet ulterjuri mwettqa fl-2015

1. Ittra mir-Rappreżentant Għoli u Viċi President Mogherini u l-Kummissarju Arias-Cañete lill-Kapijiet kollha tad-Delegazzjonijiet (Marzu u Diċembru)
2. Matul l-2015: saru diskorsi pubbliċi, artikli, op-eds mill-mexxejja tal-UE dwar id-diplomazija dwar il-klima
3. Għodod użati:
 - Pjattaforma online interna Ewropea għall-kondiviżjoni ta' dokumenti "Agora"
 - Dokumenti u rakkonti
 - Eventi
 - Taħriġ (eż. l-aħjar prassi tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin Ġermaniżi li joffru t-taħriġ tagħhom ta' ġimgħa lill-kollegi tal-UE)

2) It-tagħlimiet miksuba biex tissaħħaħ id-diplomazija tal-UE dwar il-klima fl-2016

1. Jiġi żgurat fluss aħjar ta' informazzjoni, b'mod partikolari mid-delegazzjonijiet u l-ambaxxati lejn Brussell u l-kapitali tal-SM, eż. billi Agora issir pjattaforma b'żewġ direzzjonijiet
2. Tiġi msaħħa b'mod sistematiku l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn id-delegazzjonijiet tal-UE u l-ambaxxati tal-SM f'pajjiżi sħab biex tittejjeb l-effiċjenza u l-effettività tas-sensibilizzazzjoni dwar il-klima, permezz ta' laqgħat lokali formalizzati tan-Netzwerk Diplomatiċi Ekoloġiku, punti fokali tat-tibdil fil-klima għall-ambaxxati tal-SM.
3. Jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' taħriġ tad-delegazzjonijiet, anki fid-dawl ta' rotazzjoni frekwenti, eż. permezz ta' varjetà ta' formati ta' għoti ta' informazzjoni li jsiru regolarment
4. Tiġi integrata l-politika dwar il-klima bħala prijorità fi djalogi u laqgħat usa', eż. il-laqgħa annwali tal-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet jew il-konferenzi reġjonali tad-delegazzjonijiet
5. Isiru disponibbli aktar materjali għas-sensibilizzazzjoni, kemm ta' natura lesta għall-kondiviżjoni (eż. kitt għall-istampa, infografika) kif ukoll ta' natura preparatorja (eż. blueprints ta' avvenimenti inklużi rosters ta' esperti)